Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2026/4648

23.9.2026

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-KESE dwar il-proposti ta' riforma u investiment ifformulati bħala parti miċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2025-2026

(C/2026/4648)

Relaturi: **Gonçalo LOBO XAVIER**
Andrea MONE
Luca JAHIER

Bażi legali	Artikolu 52(4) tar-Regoli ta' Proċedura
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	18.6.2026
Sessjoni plenarja Nru	606
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	175/3/0

1. Introduzzjoni

1.1. Din ir-riżoluzzjoni tagħmel parti minn pakkett, flimkien mar-rapport ta' informazzjoni ([1]) u l-anness iddettaljat tiegħu ([2]), u tirriżulta mill-ħidma annwali tal-Grupp Ad Hoc dwar is-Semestru Ewropew (GSE) tal-KESE: il-konsultazzjoni mal-kunsilli ekonomiċi u soċjali nazzjonali, mal-imsieħba soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-Istati Membri tal-UE dwar suġġetti ewlenin tas-Semestru Ewropew. Ir-rapport ta' informazzjoni ([3]) jiġbor il-fehmiet tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fis-27 Stat Membru dwar il-proposti nazzjonali ta' riforma u ta' investiment u l-implimentazzjoni tagħhom (iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2025-2026) ([4]); din ir-riżoluzzjoni tikkomplementa r-rapport billi tipprovdi r-rakkomandazzjonijiet ta' politika, il-konklużjonijiet u l-proposti ta' politika tal-KESE bbażati fuq ir-riżultati tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kif stabbilit fir-rapport.

1.2. Dan l-eżerċizzju jkompli l-ħidma li l-KESE ilu jsegwi għal dawn l-aħħar snin dwar il-promozzjoni ta' Semestru Ewropew u qafas ta' governanza ekonomika aktar parteċipattivi, bi sjieda akbar fil-livell nazzjonali u involviment aktar mill-qrib tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Parteċipazzjoni wiesgħa tappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza u l-leġittimità demokratika, u tespandi l-appoġġ pubbliku għal politiki trasformattivi u bidla sistemika.

2. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-KESE dwar il-proposti ta' riforma u investiment ifformulati bħala parti miċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2025-2026

Il-KESE:

2.1. itenni **r-rakkomandazzjonijiet tiegħu** li għamel fl-Opinjonijiet tiegħu dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ([5]), il-Pakkett tal-Ħarifa ([6]) u r-Regolament dwar il-Prestazzjoni ([7]);

([1]) The point of view of organised civil society in the EU Member States on national reform and investment proposals and their implementation (2025-2026 European Semester cycle) Il-perspettiva tas-soċjetà ċivili organizzata fl-Istati Membri tal-UE dwar il-proposti nazzjonali ta' riforma u investiment u l-implimentazzjoni tagħhom (iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2025-2026) [mhux disponibbli bil-Malti].

([2]) Anness.

([3]) Il-GSE ġabar il-fehmiet ta' dawn il-partijiet ikkonċernati, permezz ta' kwestjonarju u ħames żjarat fil-pajjiżi, bejn Jannar u Marzu 2026.

([4]) Il-kwestjonarju kien fih 10 mistoqsijiet, miġbura f'erba' suġġetti ewlenin: (1) Miżuri ta' riforma u investiment fl-Istati Membri, b'mod partikolari dawk ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 u l-implimentazzjoni tagħhom; (2) It-tlestija tal-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza; (3) L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjani fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju; (4) Ir-rabta bejn il-qafas finanzjarju pluriennali u s-Semestru Ewropew.

([5]) *Il-perkors lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss* (ĠU C, C/2025/3202, 2.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3202/oj), u *Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034* (ĠU C, C/2026/1974, 28.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/1974/oj).

([6]) *Semestru Ewropew 2025 — Pakkett tal-Ħarifa*, (ĠU C, C/2025/2019, 30.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2019/oj), u *Kunsiderazzjonijiet addizzjonali dwar it-triq 'il quddiem għas-Semestru Ewropew 2025* (ĠU C, C/2026/10, 16.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/10/oj).

([7]) Qafas għall-ittrekkjar tan-nefqa baġitarja u għall-prestazzjoni tal-baġit tal-UE, Opinjoni li qed titħejja bħalissa.

2.2. jenfasizza **s-sejbiet ewlenin tiegħu**: ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) huma bla dubju rilevanti, imma m'hemmx biżżejjed enfasi fuq id-dimensjonijiet soċjali. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kellha valur strateġiku, iżda trid titqies fil-kuntest tal-pandemija u b'mod ġenerali wriet li hija kumplessa wisq u ċentralizzata żżejjed u li ġiet implimentata b'mod mgħaġġel wisq. Ir-rabta bejn il-QFP u s-Semestru Ewropew tista' ssaħħaħ il-valur miżjud tal-UE, iżda tiddependi ħafna mis-salvagwardji għad-demokrazija, is-sussidjarjetà u l-bilanċ soċjali. L-aktar importanti mill-perspettiva tal-KESE hu li l-involviment tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jibqa' proċedurali, u ma jħallix impatt. Barra minn hekk, għad hemm lakuni ġenerali fl-implimentazzjoni, u għalhekk il-KESE jitlob li ssir enfasi akbar fuq il-kapaċità ta' eżekuzzjoni, l-effiċjenza amministrattiva u l-eżiti li jistgħu jitkejlu;

2.3. jafferma li l-futur tal-UE jiddependi mill-**interkonnessjoni** dinamika u b'saħħitha **bejn l-erba' forom ta' kapital tagħha** (kapital ekonomiku, uman, soċjali u ambjentali), b'enfasi intensifikata daqstant ieħor fuq kompetittività sostenibbli msaħħa, ankrata b'mod sod fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Patt Ekoloġiku u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tinseġ dawn l-erba' forom ta' kapital flimkien, u timxi **lil hinn mit-tkabbir iċċentrat fuq il-PDG** (kif rakkomandat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) ([8])) biex tadotta mudell ta' sigurtà definit mir-reżiljenza ekonomika, il-koeżjoni soċjali u s-sostenibbiltà ambjentali. **L-implimentazzjoni tas-suq uniku, b'attenzjoni partikolari għall-unjoni tas-swieq kapitali**, trid tiġi integrata bis-sħiħ fis-Semestru Ewropew u s-CSRs, flimkien mar-responsabbiltà politika għall-infurzar tar-regoli tas-suq uniku;

2.4. iqis li, sabiex jiġi segwit u jitwassal valur miżjud Ewropew ġenwin fir-rabta bejn is-Semestru Ewropew u l-QFP, huwa kruċjali li **jiġi sfruttat il-potenzjal tal-UE waqt li jiġu ppreżervati l-flessibbiltà, is-sussidjarjetà u l-governanza f'diversi livelli**. Madankollu, il-KESE jirrifjuta bil-qawwa l-loġika ta' kundizzjonalità makroekonomika punittiva, u jirrakkomanda struttura ta' inċentivi pożittivi, li fiha s-Semestru jidentifika ostakli strateġiċi u l-QFP jipprovdi appoġġ immirat biex jindirizzahom. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza dejjem tikber tar-reżiljenza u l-prontezza tad-difiża, u jappella għall-istabbiliment ta' ambjent regolatorju li joffri ċertezza legali u appoġġ biex jiġi mobilizzat l-investiment fil-kapaċitajiet ikkoordinati mill-UE, bl-għan li jittejbu l-produttività, il-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku, il-koeżjoni, ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika;

2.5. jirrakkomanda li **jinsiltu tagħlimiet mill-esperjenza tal-passat** (b'mod partikolari n-nuqqasijiet tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza) u li jiġi żgurat li l-objettivi soċjali tal-UE u l-governanza f'diversi livelli jiġu ppreżervati fi ħdan l-arkitettura tal-QFP. Sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-objettivi strateġiċi tal-UE u r-reżiljenza tal-ekonomija tagħha, għandu jinħoloq spazju fiskali biex jintlaħqu l-objettivi soċjali komuni tal-UE u, b'mod partikolari, biex jikkontribwixxi għaċ-Ċentru ta' Investiment Soċjali li tnieda dan l-aħħar mill-Kummissjoni Ewropea;

2.6. jissottolinja b'mod partikolari li **l-kwistjonijiet soċjali spiss jiġu sottovalutati fis-CSRs**, waqt li l-livell ta' implimentazzjoni tas-CSRs soċjali storikament kien inadegwat, ineffiċjenti jew saħansitra ineżistenti. Għal din ir-raġuni, il-KESE qed isegwi l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali b'interess, u se jkompli jimmonitorja l-impatt reali tiegħu fuq iċ-ċiklu ġenerali ta' koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u soċjali tal-UE. Il-KESE jemmen li, sakemm jiġu solvuti l-isfidi identifikati, l-azzjoni tal-gvern jeħtieġ li tingħata mandat u tissaħħaħ sabiex jiġi skattat id-dinamiżmu meħtieġ fil-livell nazzjonali, bil-ħsieb li jiġu aċċellerati t-tfassil, l-implimentazzjoni u t-twettiq tar-riformi, kif ukoll l-evalwazzjoni demokratika tagħhom;

2.7. huwa konvint bis-sħiħ li, sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, l-UE jeħtiġilha **tiżviluppa qafas kollaborattiv aktar robust** li fih ir-riżultati u l-prestazzjoni jiġu ppremjati permezz ta' assistenza teknika mmirata u flessibbiltà fil-kofinanzjament, b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi speċifiċi tal-kuntesti nazzjonali u reġjonali;

([8]) Beyond GDP: delivering sustainable and inclusive wellbeing (Lil hinn mill-PDG: noħolqu benesseri sostenibbli u inklużiv) [mhux disponibbli bil-Malti], Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

2.8. għalhekk jirrakkomanda li **jiżdied l-involviment tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** (bl-għan li jissaħħaħ il-prinċipju tas-sħubija pass pass hekk kif il-governanza tal-QFP u s-Semestru Ewropew jikkonverġu) **billi dan jiġi ttrasformat minn rekwiżit kważi proċedurali għal xprun sostantiv tas-suċċess tal-politika**, abbażi ta' evalwazzjoni obbligatorja tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati tul iċ-ċiklu kollu tal-politika, kif ukoll permezz tas-semplifikazzjoni ġenwina u l-iżgurar tal-proporzjonalità tal-piż amministrattiv u regolatorju mqiegħed fuq l-awtoritajiet pubbliċi, in-negozji u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mhux biss fuq is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea;

2.9. jistieden lill-Kummissjoni **ttejjeb kemm il-kwalità kif ukoll it-tul ta' żmien tal-proċessi ta' informazzjoni u konsultazzjoni fi ħdan is-Semestru Ewropew**. Dan jinkludi l-investiment fil-bini tal-kapaċitajiet għad-djalogu ċivili u soċjali, it-tisħiħ tal-proċessi ta' konsultazzjoni u t-titjib tal-iskedi ta' żmien tagħhom, it-titjib tal-aċċess għal data trasparenti u komparabbli, u l-istabbiliment ta' kodiċi Ewropew li jistabbilixxi kif għandhom jitwettqu l-konsultazzjonijiet fil-qafas tas-Semestru Ewropew u kif għandhom jiġu abbozzati u implimentati l-pjani nazzjonali, b'konformità mal-prattiki nazzjonali u l-oqfsa ta' djalogu soċjali;

2.10. jitlob, għalhekk, **l-introduzzjoni ta' valutazzjoni obbligatorja tal-kwalità u l-impatt tas-sħubija**. Din ma għandhiex tkun limitata għall-evalwazzjoni ta' jekk l-imsieħba ġewx ikkonsultati, iżda għandha teżamina wkoll sa liema punt il-kontribut tagħhom sawwar il-programmi operazzjonali finali. Dan kollu jrid ikun **akkumpanjat minn semplifikazzjoni radikali tal-mekkaniżmi eżekuttivi**, imfassla b'mod konġunt mal-awtoritajiet ta' ġestjoni, il-korpi reġjonali, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, biex jiġi żgurat li s-sistemi ta' awditjar u monitoraġġ ikunu proporzjonati u jirrispettaw il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża mingħajr ma tiġi imposta duplikazzjoni burokratika eċċessiva.

Brussell, it-18 ta' Ġunju 2026.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Séamus BOLAND